MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF
PHILIP SCIBERRAS**

Seduta ta' l-4 ta' Ottubru, 2006

Appell Civili Numru. 255/2003/1

**Anthony u Doris Abela**

**vs**

**Antoine Vassallo, f' ismu personali, u kif ukoll fl-interessi u ghan-nom ta' Antoine Auto Dealer Ltd.**

**Il-Qorti,**

Fit-8 ta' Novembru, 2006, il-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"Il-Qorti,

Rat l-avviz ipprezentat mill-atturi fit-13 ta' Mejju, 2003 fejn talbu lil din il-Qorti ghall-kundanna tal-konvenut f'ismu proprio jew f'isem is-socjeta' konvenuta jew min minnhom, ghall hlas tas-somma ta' hamest elef lira Maltin (Lm5,000), rapprezentanti l-prezz imhallas lill-konvenut ta' karozza Toyota Corsa numru tar-registrazzjoni GBB 495,

minnu mibjugha fid-9 ta' Settembru, 2002 u lilu ritornata u konsenjata, kif difatti minnu accdttat, fl-istess xahar peress illi ma kinitx tajba ghall-uzu illi ghaliha kienet mahsuba u li b'konsegwenza ta' dan, kull bejgh esistenti bejn il-partijiet gie annullat.

Bl-ispejjez ta' l-Avviz ghas-smiegh, tal-Mandat ta' Sekwestru numru 970/03 li gie pprezentat kontestwalment ma' l-avviz ghas-smiegh, u bl-imghax legali minn Settembru 2002, fioe' d-datat illi fih suppost sar il-pagament, sa' l-effettiv pagament, kontra s-socjeta' konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenut Antoine Vassallo f'ismu proprju u kif ukoll fl-interessi u ghan-nom ta' Antoine Auto Dealer Ltd. fejn eccepixxa:

1. Preliminarjament, b'kull rispett, l-inkompetenza '*ratione valoris'* ta' din l-Onorabbli Qorti stante illi l-atturi qed jirriklamaw is-somma ta' hamest elef lira Maltin (Lm5,000) flimkien ma' l-imghax legali b'effett minn Settembru, 2002 u kwindi l-ammont kollu reklamat jizboq l-ammont ta' Lm5,000 li jiddetermina l-kompetenza ta' din l-Onorabbli Qorti, u dan a tenur ta' l-Artikolu 760(1) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.
2. Illi, fil-mertu, t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kollha kontra l-atturi, stante illi l-komparenti kienu lahqu ftehim ta' permuta illi permezz tieghu l-eccipjent accetta li jiehu lura l-vettura ta' l-ghamla Toyota reg. No. GBB 495 filwaqt li l-atturi kellhom jiehdu minflok il-vettura ta' l-ghamla Toyota Corolla II D Turbo, u li kienu l-atturi illi naqsu mill-obbligi kuntrattwali taghhom billi naqsu milli jiehdu konsenja ta' l-imsemmija vettura.
3. Illi l-eccipjenti qieghed jirriserva d-drittijiet tieghu kollha skond il-ligi biex jipprocedi gudizzjarjament kontra l-istess atturi.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Fl-ewwel eccezzjoni tieghu, il-konvenut qajjem eccezzjoni ta' l-inkompetenza 'ratione valoris' ta' din il-Qorti, u kkwota in sostenn l-Artikolu 760(1) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan l-artikolu jghid, "Fil-kawzi dwar kapitali u imghaxijiet, il-valur jigi determinat mis-somom tal-kapitali u l-imghaxijiet flimkien."

Il-Qorti tirrleva pero', illi f'din il-kawza l-attur qieghed jitlob somma determinata u mhux kapital u imghaxijiet. Il-fatt illi huwa qieghed jitlob imghaxijiet *in subsidium*, ma jfissirx illi qed ibiddel il-limitu tal-meritu kif qieghed jitlob fl-Avviz. Dan jinkwadra bis-shih fl-artikolu 748 (a) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, li jrid jinqara flimkien ma' l-Artikolu 746. Dan ta' l-ahhar jghid, "Meta l-eccezzjoni ta' inkompetenza tal-Qorti tiddependi mill-valur ta' l-oggett fil-kawza, ghandhom jitharsu r-regoli migjubin fl-artiklu li gejjin." Fost dawn hemm l-artikolu 748 li jghid, "Il-valur ta' l-oggett fil-kawza hu determinat mit-talba, meta t-talba hija ghall-hlas ta' somma determinata."

Ghalhekk, il-Qorti jidhrilha illi l-kompetenza taghha hija radikata mit-talba fl-Avviz, liema talba hija ghall-hlas ta' somma determinata, liema somma qeda fil-kompetenza ta' din il-Qorti. Ghalhekk, din il-Qorti tghaddi biex tiddisponi mill-ewwel eccezzjoni tal-konvenut u tghaddi biex tikkonsidra l-meritu.

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi illi f'xi zmien l-attur kien avvicina lill-konvenut li jinnegozja l-karozzi, ghal xiri ta' karozza Toyota Corsa. Din il-vettura giet identifikata, l-prezz miftiehem u mhallas fl-intier tieghu.

Wara li l-attur ha l-konsenja tal-vettura, u kien qed juzha ghal xi ftit, induna li bdiet titlef l-ilma. Minkejja l-provedimenti illi ha, l-karozza baqghet titlef l-ilma u ghalhekk mar ghand il-konvenut li accetta li jiehu l-karozza lura, kif fil-fatt gara.

Il-konvenut insista illi ma kienx ser jaghti flus lura, izda qallu biex jiehu karozza ohra.  Izda l-attur spicca biex ma ha xejn, ghal diversi ragunijiet fosthom illi kien hemm hafna karozzi *automatic*, li ma kienux komdi ghalih u l-karozzi li gew indikati lilu ma kienux ghogbugh, sakemm fl-ahhar iddecieda illi jitlob il-flus lura.  Meta dawn ma gewx, ghamel din il-kawza.

Iben l-attur, Stefano Abela, xehed li l-karozza kienet ghalih.  Meta din immanifestat xi hsarat, il-konvenut accetta li jiehu l-karozza lura minghajr problemi ta' xejn (fol. 15).  Il-konvenut offra karozza ohra, izda din qatt ma waslet, minkejja illi hu u missieru raw tliet karozzi.

Joseph Balzan, *mechanic* minn Haz Zebbug, xehed illi huwa ra l-ewwel karozza, Toyota Corsa u jista' jikkonferma illi kienet qed titlef l-ilma.  Meta ssugerixxa illi tinqala' s-*cylinder head* biex jigi ezaminat il-kawza ta' dan it-telf, l-attur iddecieda li jiehu l-karozza lura.

Il-konvenut jikkonferma illi sar bejgh tat-Toyota fl-ammont ta' hamest elef lira Maltin (Lm5,000) u kkonferma wkoll illi accetta illi jiehu l-vettura lura.  L-attur ghazel karozza ohra, Toyota Corolla, izda baqa' ma hadhiex u ghadha fix-*show room.*  L-attur ried flus lura izda l-konvenut ma riedx jaghtihomlu, ghad illi qal illi lest jirranga mieghu u jaghtih karozza ohra.  Spjega illi l-karozzi li jbiegh huma kollha muniti b'sena garanzija u minkejja li l-attur uza l-karozza ghal xi tliet xhur, ma naqqaslu l-ebda ammont ta' flus minn dak illi huwa l-prezz ta' l-ewwel karozza.

Ikkunsidrat:

Jekk l-ewwel karozza Toyota Corsa illi l-attur xtara minghand il-konvenut kinitx affetta minn xi difett latenti, hija f'dan l-istadju mmaterjali.  Kellha x'kellha, l-konvenut accetta illi jiehu l-karozza lura minghajr riservi.  B'din l-accettazzjoni, gie annullat il-bejgh taghha u quindi f'dak l-istadju, l-konvenut kien fl-obbligu li jirrifondi lill-attur il-flus illi kien hallas ghal-karozza, fis-somma ta' hamest elef lira Maltin (Lm5,000).

Minn dan kollu l-konvenut ma ghamel xejn, izda offra karozza ohra. Ghall-ewwel l-attur donnu accetta, izda sab li l-karozzi illi kienu qed jigu offruti ma kinux ta' l-istess tip jew kwalita' bhal l-ewwel karozza u allura bi dritt kollu, cahadhom u baqa' jinsisti li jiehu l-flus lura.

Il-konvenut qieghed jallega illi saret xi permuta. Dan bir-rispett, ma jirrizultax. Ma kien hemm xejn bil-miktub bejn il-partijiet u kif jghid id-dritt Ruman, "Ex nudo pacta, non oritur actio". Li huwa fic-cert huwa li l-bejgh ta' l-ewwel karozza gie annullat bl-accettazzjoni taghha minn naha tal-konvenut. Jidher illi dan ta' l-ahhar beda' jaghmel xi ostakoli kull darba li l-attur ipprova jersaq lejh sabiex jitlob il-flus jew inkella jinghata karozza ta' l-istess kalibru. Biss, irrizulta, illi tajjeb jew hazin, il-konvenut biegh il-karozza li originarjament kien xtara l-attur lil terzi bl-istess ammont ta' hamest elef lira Maltin (Lm5,000) fit-12 ta' Dicembru, 2002. Quindi f'dak l-istadju, l-konvenut ha ghaxart elef lira Maltin (Lm10,000) ta' karozza illi kienet tiswa' hamest elef lira Maltin (Lm5,000). Ma hemmx dubju, hawn ghandna kaz ta' arrikkament ingust da parti tal-konvenut, illi approfitta ruhu minn negozjati illi saru bejnu u bejn l-attur biex akkwista prezz doppju ta' l-istess vettura.

Il-Qorti jidhrilha illi dan m'ghandux ikun, darba l-bejgh gie annullat, il-konvenut kien fl-obbligu li jirrifondi l-flus lura u mbaghad kien jispetta ghall-attur li jiddeciedi jiehux karozza ohra jew le. Ghalhekk, il-Qorti jidhrilha li l-attur ghandu ragun illi jitlob il-flus lura u l-kawza tieghu timmerita konferma.

Ghal dawn il-motivi:

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talba ta' l-attur, u tikkundanna lill-konvenut kif iccitat, illi jirrifondi s-somma ta' hamest elef lira Maltin (Lm5,000), rapprezentanti l-prezz imhallas lilu ta' karozza Toyota Corsa numru tar-registrazzjoni GBB 495, mibjugha fid-9 ta' Settembru, 2002 u lilu ritornata u kkonsenjata, stante illi l-bejgh bejn il-partijiet gie annullat.

Bl-ispejjez, u l-interessi legali mid-data ta’ din is-sentenza kontra l-konvenut.”

Il-konvenut, fil-kwalitajiet tieghu premessi bl-att ta’ l-avviz, u hekk dikjarat sokkombenti, appella minn din id-decizjoni b’ serje ta’ aggravji li qed jigu *infra* koncizament riprodotti:-

(1) L-ewwel Qorti ghamlet interpretazzjoni zbaljata tal-provvediment tal-ligi li jirregolaw il-kompetenza taghha *ratione valoris*;

(2) Fil-parti kundannatorja tas-sentenza dik il-Qorti ma ddistingwietx jekk kellux jaghmel tajjeb hu personalment jew is-socjeta` minnu rapprezentata. F’ dan il-kuntest l-appellanti jislet b’ deduzzjoni illi l-kundanna ma kienetx ukoll wahda solidali;

(3) L-ewwel Qorti ma setghetx tilqa’ t-talba msejsa kumulativament fuq in-nuqqas tal-kwalita` pattwita u l-annullament tal-vendita;

(4) Fuq kollox, ma kellhiex, imbaghad, lanqas tiddeciedi l-kontroversja fuq kawzali differenti minn dik espressa fl-avviz. Dan l-appellanti jissottomettih b’ referenza ghall-motivazzjoni ta’ l-arrikkiment indebitu sostenut mill-ewwel Qorti fis-sentenza mpunjata;

(5) Il-provi ma kienux jiddemostraw ebda lezjoni tal-kwalita` pattwita izda, se mai, ta’ vizzju redibitorju;

(6) Hawn l-appellanti jikkontesta, ukoll fuq il-bazi tal-provi, l-affermazzjoni dedotta ta’ l-annullament tal-bejgh bil-fatt tar-ritorn lura tal-vettura. Dan ghaliex, skond l-appellanti, ma kien hemm ebda skrittura ta’ thassir tal-kompro-vendita f’ dan is-sens;

(7) Fl-ahharnett qed jigi sottomess illi l-ewwel Qorti ppekkat fil-valutazzjoni taghha tal-fatti meta tenniet li hu kien accetta li jiehu l-vettura lura bla rizervi;

M’ hemmx ghalfejn jinghad, anke ghaliex dan hu bil-bosta logiku, illi jekk l-aggravju procedurali preliminari ta’ l-inkompetenza eccepita jirrizulta fondat jkun futili li mbaghad il-Qorti tinoltra ruhha fl-ezami ta’ l-ilmenti l-ohra;

Ghal dak li jikkoncerna l-kwestjoni hawn involuta jghoddu, b’ applikazzjoni ta’ l-Artikolu 746 tal-Kodici ta' Procedura r-regoli stabbiliti fl-Artikolu 748 (a) u 760 (1) u, ukoll, l-Artikolu 765. Dawn qeghdin jigu hawn riprodotti:-

(1) “Il-valur ta’ l-oggett fil-kawza hu determinat mit-talba meta t-talba hija ghall-hlas ta’ somma determinata” - Artikolu 748 (a);

(2) “Fil-kawzi dwar kapitali u mghaxijiet, il-valur jigi determinat mis-somom tal-kapitali u ta’ l-imghaxijiet flimkien” - Artikolu 760 (1);

(3) “Sabiex jigi determinat il-valur ta’ l-oggett li fuqu jkun hemm il-kwestjoni, m’ ghandu jittiehed ebda qies tal-frottijiet, taz-zieda b’ accessjoni, tad-danni jew ta’ l-imghaxijiet, li jkun hemm matul il-kawza” - Artikolu 765;

Fuq l-interpretazzjoni taghha ta’ l-ewwel zewg disposizzjonijiet fir-raffront ta’ dak mitlub mil-attur fl-avviz, l-ewwel Qorti rragunat illi l-materja kienet tinkwadra ruhha fil-parametri ta’ l-Artikolu 748 (a) in kwantu l-attur talab il-hlas ta’ somma determinata u mhux kapital u mghaxijiet, li, skond dik l-istess Qorti, intalbu biss *in subsidium*. Huwa proprju dan ir-ragonament li l-appellanti jikkuntrasta bl-ewwel aggravju tieghu;

Din il-Qorti tibda biex tistqarr li dan l-aggravju lilha sottomess ippreokkupaha mhux ftit, kemm ghaliex ma jidherx, fil-hsieb taghha, li l-kwestjoni ta’ l-inkompetenza giet investita kif imiss mill-ewwel Qorti kif ukoll ghaliex is-sens prattiku jissuggerilha li kemm jista’ jkun ghandhom jigu evitati r-ripetizzjoni ta’ l-atti. Minn naha l-ohra, u fl-istess waqt, mhux konsentit lilha skond il-kanoni ta’ l-

interpretazzjoni li tidderoga mill-kelma u l-ispirtu tal-ligi procedurali;

Ma jista' qatt ikun dubitat, u, anzi, hu pacifikament accettat, illi "hu l-att promotur kif introdott, it-talbiet u l-premessi taghhom li jifformaw il-parametri li fihom il-qorti kellha tezercita l-gudizzju taghha u li allura jiddeterminaw il-kompetenza taghha" ("**Frankie Refalo *nomine* -vs- Jason Azzopardi *et***", Appell, 7 ta' Ottubru 1997). Dan wara kollox mhux hlief ri-affermazzjoni tal-principju generali tad-dritt procedurali stabbilit fl-Artikolu 748. (Ara **Kollez. Vol. XXXII P I p 196**);

Logikament is-suddetta enuncjazzjoni hi dipendenti minn natura tad-domanda. Hekk fil-kaz li din tkun tirreferi ghal somma ta' flus jokkorri li din tigi mistharrga skond kif preskritt fl-Artikolu 760 (1) tal-Kodici ritwali. Jinghad a propozitu mill-**Qorti Taljana ta' Kassazzjoni** (**Numru 9251, 2004**), b' riferiment ghall-identiku provvediment tal-Kodici Taljan ta' Procedura, illi "*ai fini della determinazione della competenza per valore nelle cause per pagamento di somme di denaro, deve aversi riguardo a quanto in concreto richiesto dall' atto, e non all' oggetto dell' accertamento che il giudice deve compiere quale antecedente logico per decidere il fondamento della domanda*";

Issa apparti mill-premess, meta wiehed joqghod unikament ghat-termini ta' l-avviz kif koncepit isib li f' dan il-kaz l-attur talab ir-rifuzjoni tas-somma kapitali ta' hamest elef lira (Lm5000) rapprezentanti l-hlas tal-karozza minnu mixtrija minghand l-appellanti, u l-imghax legali minn Settembru 2002, ossija d-data li fiha ghamel il-pagament imsemmi. L-azzjoni tieghu tendenti ghal dan il-hlas saret fit-13 ta' Mejju 2003;

F' dan il-kwadru, dejjem ukoll b' riferiment ghall-Artikoli 748 (a) u 760 (1) id-domanda ghal fini tal-kompetenza trid

tigi valutata fil-kontenut taghha ghall-mument li fiha tigi proposta. Naturalment id-disposizzjoni ta’ l-Artikolu 760 hi kontraddistinta minn dik ta’ l-Artikolu 765 in kwantu tirreferi ghall-interessi skaduti, ossija maturati qabel l-att introduttiv tal-kawza, u mhux ukoll dawk posterjuri li huma l-effett ta’ l-accertament tad-dritt kontenut fis-sentenza;

Affermat dan, kif inhu risaput, fl-ipotesi li fih fl-att ta’ l-avviz jew tac-citazzjoni hu mitlub, barra mill-hlas tas-somma kapitali anke l-interessi legali, minghajr ma jkun specifikat jekk dawn jirreferux o meno ghal perijodu precedenti ghan-notifika tac-citazzjoni, allura d-domanda gudizzjali tintegra *per se* att ta’ kostituzzjoni in mora u dan igib li l-interessi jibdew jghaddu mid-data tan-notifikazzjoni ta’ l-avviz jew tac-citazzjoni. F’ kaz bhal dan jikkonsegwi illi ghad-determinazzjoni tal-valur tal-kawza wiehed irid *per forza* u, b’ necessita`, jiehu qies tas-somma mitluba bhala kapital u ma ghandhomx jigu komposti l-interessi successivi ghan-notifika ta’ l-att promotur;

Bil-kontra, meta l-attur espressament jitlob, oltre l-hlas tas-somma kapitali, anke l-hlas ta’ l-interessi skaduti dawn l-istess interessi maturati u hekk rikjesti kellhom jigu assommati mas-somma kapitali mitluba. F’ dan is-sens din il-Qorti ma tikkondividix il-fehma sostenuta mill-Qorti ta’ l-ewwel grad illi dawk l-interessi kellhom jitqiesu biss li ntalbu in via sussidjarja. Ma tezisti ebda bazi razzjonali ghall-affermazzjoni bhal din. It-talba hi wahda ben esplicita, jigifieri l-hlas ta’ imghax legali minn Settembru 2002. Domanda bhal din, fl-opinjoni tal-Qorti, hi wahda ta’ indoli principali u mhux merament *in subsidium*, kif hekk dehrilha li ghandha tikkwalifikaha l-ewwel Qorti;

Is-silta segwenti estratta mis-sentenza riportata a **Vol. XXVII P I p 978**, ghal liema jirreferi ukoll l-appellanti, twiegeb sew l-affermazzjoni ta’ l-ewwel Qorti f’ dan il-kuntest:-

“*Ne si puo` dire essere la condanna relativamente a quella somma domandata solo in via secondaria poiche`, a parte la quistione se sia corretto l’ asserire non doversi prendere in calcolo, pei fini della competenza, una domanda posta in subordine, è certo che nel presente caso la domandata condanna non puo` essere, per alcun verso, qualificata come domanda subordinata … È naturale che se il domandante rimanga soccombente nella chiesta dichiarazione dovra cadere pur anche la conseguenziale domanda; con cio`, pero`, non si dimostra essere l’ una principale e l’ altra secondaria, ma invece l’ una è di fondamento dell’ altra. Ne` è secondaria la domanda pei lucri perche essa forma un unico oggetto colla domanda per la sorte*.”

Applikat dan it-taghlim ghall-kaz prezenti, l-interessi kif mitluba fl-att ta’ l-avviz kellhom ghal fini tal-kompetenza jigu addizzjonati mas-somma kapitali ta’ hamest elef lira (Lm5000) u dan igib li *ratione valoris* is-somma globali kienet tissupera l-ammont massimali prefiss fl-Artikolu 47 (1) tal-Kapitolu 12 ghall-iskop ta’ kompetenza tal-Qorti Inferjuri ta’ gurisdizzjoni civili;

Fir-risposta ta’ l-appell tieghu l-appellat igib b’ argoment ulterjuri, fis-sosteniment tieghu tal-validita` tas-sentenza appellata fuq dan il-punt, illi d-dekors ta’ l-imghaxijiet ma kienx fil-kaz tieghu wiehed awtomatiku in kwantu t-transazzjoni ma kienetx ta’ natura kummercjali. Huwa jsostni ghalhekk li kien ghal din ir-raguni wkoll illi l-ewwel Qorti ghazlet li ma tqisx li ddekorrew imghaxijiet fuq l-ammont mitlub u akkordat biss l-imghaxijiet fuq dak l-ammont mid-data tas-sentenza u mhux mid-data minn meta gie rexxiss il-bejgh;

Bir-rispett dovut dan l-argoment ma jistax jiggjova lill-attur appellat. Jekk il-kompetenza *ratione valoris* hi determinata mid-domanda u din, in bazi ghal dak li ntqal fuq, mhix ta’ kompetenza tal-Qorti adita fuq l-istregwa ta’ dak li ntalab, b’ daqshekk ma jigix, ghar-raguni

sottomessa, illi dik il-Qorti bis-sahha tal-gudikat saret hekk kompetenti.  Is-sentenza mhix hlief ir-rizultat tal-principju ta’ korrispondenza bejn dak mitlub u l-pronunzjament, u allura ma tistax tissostitwixxi ruhha ghad-domanda kif formulata ghall-iskop tad-determinazzjoni tal-kompetenza bazata fuq il-valur.  Kieku ried l-attur messu kkoncepixxa l-avviz tieghu b’ mod iehor anqas espost ghall-eccezzjoni ta’ l-inkompetenza sollevata izda, la huwa ma ghamelx dan, il-Qorti kienet tenuta toqghod fuq dak li gie propost lilha.  F’ dan il-kaz, kif gja manifest, l-attur ma talabx biss il-pagament ta’ somma kapitali determinata u r-rikjesta ghall-imghax ulterjuri fuq din is-somma.  Kieku ghamel dan seta’ jinghad li dik is-somma ma ggib ebda spostament fil-kompetenza ghaliex bid-domanda tal-hlas ta’ somma specifika hu wera l-volonta` tieghu li jzomm il-kumpless tad-domanda fil-limiti tal-kompetenza tal-Qorti adita.  Invece huwa talab ukoll il-hlas ta’ l-imghaxijiet li kienu gja immaturaw.  In vista ta’ l-Artikolu 760 (1) dan jaghmel id-domanda tieghu tesorbita mill-isfera ta’ gurisdizzjoni tal-Qorti ta’ l-ewwel grad.

Ghal dawn il-motivi u fis-sens tal-konsiderazzjonijiet kollha fuq maghmula din il-Qorti qed thassar is-sentenza appellata billi takkolji l-ewwel aggravju lilha devolut u b’ hekk tiddikjara li l-ewwel Qorti kienet inkompetenti *ratione valoris* li tiddeciedi l-kawza.  Fic-cirkostanzi l-ispejjez gudizzjarji ta’ din l-istanza jibqghu bla taxxa bejn il-kontendenti.  Jibqa’ rizervat favur l-atturi appellati kull dritt ta’ azzjoni quddiem il-Qorti kompetenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------